KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fid-9 ta' Frar 2023 [1]

Kawża C-15/22

RF
vs
Finanzamt G

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja)

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) – Taxxa fuq id-dħul – Eżenzjoni mogħtija għal salarji fir-rigward ta' proġetti relatati ma' għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjata minn riżorsi baġitarji nazzjonali – Trattament differenti tas-salarju miksub fir-rigward ta' proġett iffinanzjat mill-FEŻ – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Artikolu 4(4) TFUE – Eżerċizzju ta' kompetenzi paralleli – Artikoli 208 u 210 TFUE – Kooperazzjoni għall-iżvilupp – Obbligu li jiġu promossi l-politiki dwar kooperazzjoni għall-iżvilupp – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Faċilitazzjoni tal-kompiti tal-Unjoni Ewropea – Kisba tal-għanijiet tal-Unjoni – Effett dirett"

1. Għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul personali, l-Istati Membri jistgħu jittrattaw is-salarju ta' persuni li jaħdmu fuq proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jsiru f'pajjiżi terzi [2] u li huma ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (iktar 'il quddiem il-"FEŻ") b'mod differenti minn salarju miksub minn xogħol fuq proġetti simili li, għall-kuntrarju, huma ffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali?

2. Il-kawża preżenti tikkonċerna prattika amministrattiva nazzjonali Ġermaniża (iktar 'il quddiem ir-"regola fiskali nazzjonali inkwistjoni"). Din tagħti eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul għal salarji mħallsa għal xogħol fuq proġetti barranin ta' għajnuna għall-iżvilupp li huma tal-inqas 75 % iffinanzjati mill-Ministeru Federali responsabbli għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp jew minn kumpannija privata tal-għajnuna għall-iżvilupp li hija proprjetà tal-Istat [3] (flimkien iktar 'il quddiem, ir-"riżorsi baġitarji nazzjonali"). Madankollu, is-salarju ta' impjegat li jaħdem fuq proġett ta' għajnuna li huwa ffinanzjat mill-FEŻ ma jibbenefikax minn tali eżenzjoni.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE dwar il-qasam tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp, għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi lill-Istati

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Il-kooperazzjoni tista' tieħu ħafna forom, iżda "kooperazzjoni għall-iżvilupp" normalment tinftiehem bħala sinonima ma' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp.

[3] Gesellschaft für internationale Zusammenarbeit (GIZ) GmbH.

Membri milli jintaxxaw is-salarji miksuba fir-rigward ta' proġetti ta' għajnuna ffinanzjati mill-FEŻ, fejn tali eżenzjoni tingħata għal salarju miksub fir-rigward ta' proġett iffinanzjat minn riżorsi baġitarji nazzjonali. Barra minn hekk, id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn din ir-regola fiskali tqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertajiet fundamentali għandhomx jiġu applikati għall-każ inkwistjoni.

4. Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha quddiemha kompitu delikat li tiddetermina jekk il-libertajiet fundamentali u/jew il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbiliti fl-Artikolu 4(3) TUE japplikawx fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp u, jekk iva, kif. Din bl-ebda mod ma hija kwistjoni sempliċi peress li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, jistgħu jeżerċitaw kompetenzi paralleli f'dan il-qasam [4]. Il-kawża preżenti tmiss ukoll dibattitu globali usa' li jirrigwarda t-trattament fiskali tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-effettività tiegħu [5].

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

1. Il-Konvenzjoni ta' Lomé IV

5. Ir-Raba' Konvenzjoni AKP – KEE iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989 ġiet konkluża bejn il-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) (iktar 'il quddiem l-Istati AKP) u l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) (iktar 'il quddiem il-Konvenzjoni ta' Lomé IV) [6]. Din il-konvenzjoni kienet ġiet approvata permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 1991 [7].

6. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV jippreċiża li l-kooperazzjoni AKP-KEE, "imsaħħa minn sistema legalment vinkolanti u l-eżistenza ta' istituzzjonijiet konġunti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], għandha tiġi eżerċitata abbażi tal-prinċipji ta' ugwaljanza bejn l-imsieħba, ir-rispett għas-sovranità tagħhom, interess reċiproku u interdipendenza, u d-dritt ta' kull Stat li jiddetermina l-għażliet politiċi, soċjali, kulturali u ekonomiċi tiegħu stess.

7. L-Artikolu 9 ta' din il-konvenzjoni jistabbilixxi:

"Sabiex tiżdied l-effettività tal-istrumenti ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jadottaw, fil-qafas tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, linji gwida, prijoritajiet u miżuri li jwasslu biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'din il-konvenzjoni […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Skont l-Artikolu 4(4) TFUE, fl-oqsma tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u tal-għajnuna umanitarja, l-Unjoni għandha l-kompetenza sabiex tieħu azzjonijiet u tmexxi politika komuni mingħajr mal-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza jkun jista' jimpedixxi lill-Istati Membri milli jeżerċitaw tagħhom.

5 Ara, pereżempju, iżjed reċentement, iċ-Ċentru tat-Trattament tat-Taxxa tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp imniedi f'Jannar 2022 mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) (https://www.oecd.org/tax/tax-treatment-official-development-assistance/). Ara wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna adottata fl-2005 u affermata mill-ġdid f'Accra fl-2008 f'fora fil-livell Ministerjali msejħa mill-OECD (disponibbli fuq https://www.oecd.org/development/effectiveness/34428351.pdf).

6 ĠU 1991, L 229, p. 3.

7 91/400/KEFA, KEE, ĠU 1991, L 229, p. 1.

2. Il-Ftehim ta' Cotonou

8. Il-Ftehim ta' Sħubija bejn [l-Istati AKP], minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Cotonou")[8], bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/159/KE tad-19 ta' Diċembru 2002[9]. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003 u ssostitwixxa l-Konvenzjonijiet eżistenti ta' Lomé.

9. L-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Cotonou jistabbilixxi l-prinċipji fundamentali tal-kooperazzjoni AKP-KEE, li hija "msaħħa b'sistema legali vinkolanti u l-eżistenza ta' istituzzjonijiet konġunti".

10. L-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Cotonou jgħid li "[i]l-Partijiet għandhom, […] [jieħdu] il-passi xierqa, kemm ġenerali u partikolari, biex [jiżguraw] it-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet li joħorġu min dan il-ftehim u biex jitħaffef it-twettieq ta' l-għanijiet imsemmija. […]"

11. L-Artikolu 70(a) tal-Ftehim ta' Cotonou jippreċiża li l-kooperazzjoni għandha tappoġġja "mikro-proġetti f'livell lokali li għandhom impatt ekonomiku u soċjali fuq il-ħajja tal-poplu, jissodisfaw il-ħtieġa li tintwera u li tkun osservata, u għandhom jitwettqu fuq l-inizjattiva u bil-parteċipazzjoni attiva tal-komunità lokali li għandha tibbenefika minnhom".

12. L-Artikolu 71 ta' dan il-ftehim jipprovdi:

"1. Mikroproġetti u operazzjonijiet ta' koperazzjoni diċentralizzati jistgħu jkunu appoġġati mir-riżorsi finanzjarji tal-Ftehim. […]

2. Kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ta' mikro-proġetti u koperazzjoni diċentralizzata għandhom isiru mill-Fond, f'liema każ il-kontribuzzjoni għandha normalment teċċedi t-tliet-kwarti tal-prezz totali ta' kull proġett u ma tistax teċċedi l-limitu stipulat fil-programm indikattiv. Il-bilanċ li jkun fadal għandu jkun provdut:

(a) il-Komunità lokali konċernata fil-każ ta' mikro-proġetti (jew b'oġġetti jew fil-forma ta' servizzi jew flus u adattat għal kapaċità tiegħu biex jikkontribwixxi);

[…]

(ċ) b'mod eċċezzjonali mill-Istat ta' l-AKP konċernat, jew fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja jew permezz ta' l-użu ta' tagħmir pubbliku jew tal-provvista ta' servizzi.

[…]"

B. Id-dritt tal-Unjoni

13. Il-FEŻ twaqqfu biex jiffinanzjaw il-kooperazzjoni mal-Istati AKP u l-pajjiżi u t-territorji barranin, inizjalment permezz ta' anness mat-Trattat KEE u iktar tard permezz ta' ftehimiet interni bejn l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill. Il-FEŻ jiffinanzja kwalunkwe proġett jew programm li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali jew kulturali tal-pajjiżi inkwistjoni. Kull FEŻ huwa konkluż għal perijodu ta' diversi snin, spiss għal ħames snin, li jikkorrispondi għall-perijodu ta' validità tad-diversi ftehimiet u konvenzjonijiet li permezz

[8] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 35, p. 3.

[9] GU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 46, p. 121.

tagħhom l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha stabbilixxew is-sħubija speċjali mal-Istati AKP. Storikament, il-FEŻ ma kinux jaqgħu taħt il-baġit ġenerali tal-Unjoni. Għalhekk, ġew adottati regolamenti finanzjarji speċifiċi biex jiġu implimentati l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali u biex jiġi stabbilit, b'mod partikolari, il-finanzjament tal-FEŻ [10].

1. Is-seba' FEŻ [11]

14. Ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, fis-16 ta' Lulju 1990 adottaw il-Ftehim Intern 91/401/KEE dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni ta' għajnuna Komunitarja taħt il-[Konvenzjoni ta' Lomé IV] [12]. B'dan il-ftehim, l-Istati Membri stabbilixxew is-seba' FEŻ. Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dan il-ftehim intern huma s-suġġett tar-Regolament Finanzjarju 91/491/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp skont il-[Konvenzjoni ta' Lomé IV] [13].

15. L-Uffiċjal Awtorizzanti ddeċieda li jtemm is-seba' FEŻ fil-31 ta' Awwissu 2008. Fl-assenza ta' bażi legali għall-għeluq tal-FEŻ, il-bilanċi li kien fadal u l-kuntratti u d-deċiżjonijiet relatati ġew ittrasferiti lid-disa' FEŻ, skont id-dispożizzjonijiet ta' Parti 3 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għad-disa' FEŻ [14].

2. Id-disa' FEŻ

16. Wara l-Ftehim ta' Cotonou, il-Ftehim Intern 2000/770/KE bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Iffinanzjar u l-Amministrazzjoni tal-Għajnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-[Ftehim ta' Cotonou] u l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji ekstra-Ewropej li dwarhom il-Parti Erba' tat-Trattat KE ġiet adottata [15]. Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dan il-ftehim intern huma s-suġġett tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003.

C. Id-dritt Ġermaniż

17. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Einkommensteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, iktar 'il quddiem l-"EStG"), fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, tipprovdi li persuni fiżiċi ddomiċiljati jew li għandhom il-post tar-residenza permanenti jew abitwali tagħhom fil-Ġermanja huma suġġetti f'dak il-pajjiż għat-taxxa fuq id-dħul kollu tagħhom.

18. Skont l-Artikolu 2(1) tal-EStG, id-dħul bħala persuna impjegata li l-persuna taxxabbli tirċievi waqt li jkollha responsabbiltà fiskali illimitata huwa suġġett għat-taxxa fuq id-dħul.

10 Mill-2021, il-programmi tal-FEŻ ġew inklużi fil-qafas finanzjarju multiannwali tal-Unjoni u għalhekk suġġetti għar-regolamenti finanzjarji tal-Unjoni bl-istess mod bħal programmi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. Ara https://commission.europa.eu/publications/eu-and-edf-annual-accounts_mt.

11 Id-deċiżjoni tar-rinviju tirreferi għas-seba' u għad-disa' FEŻ. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dawn it-tnejn humiex applikabbli fil-kawża preżenti.

12 ĠU 1991, L 229, p. 288.

13 ĠU 1991, L 266, p. 1.

14 Ara l-Kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2008 tas-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar FEŻ (ĠU 2009, C 274, p. 1).

15 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 35, p. 380.

19. L-Artikolu 34(c) tal-EstG jistipula li:

"(1) Fejn persuni li għandhom responsabbiltà fiskali illimitata jħallsu taxxa fuq dħul ta' oriġini barranija fl-Istat ta' oriġini ta' dak id-dħul li hija ekwivalenti għat-taxxa fuq id-dħul Ġermaniża, it-taxxa barranija li tkun ġiet ikkalkulata, imħallsa u mnaqqsa bl-ammont ta' dritt ta' tnaqqis għandha tiġi paċuta mal-ammont ta' taxxa fuq id-dħul Ġermaniża li huma obbligati li jħallsu fir-rigward ta' dħul miksub f'dak l-Istat; […]

[…]

(5) L-awtoritajiet tat-taxxa superjuri tal-Länder jew l-awtoritajiet tat-taxxa maħtura minnhom jistgħu, bi qbil mal-Ministeru Federali għall-Finanzi, jagħtu rifużjoni parzjali jew sħiħa tat-taxxa fuq id-dħul fuq dħul barrani, jew jiffissaw somma f'daqqa fejn dan jitqies xieraq għal raġunijiet ekonomiċi jew jekk l-applikazzjoni tal-punt 1 ta' dan l-artikolu tkun partikolarment diffiċli."

20. Fil-31 ta' Ottubru 1983, il-Bundesministerium der Finanzen (il-Ministeru Federali għall-Finanzi, il-Ġermanja) ippubblika Avviż dwar it-trattament fiskali tad-dħul ta' impjegati li joriġina minn attivitajiet barra 'l pajjiż [16] (iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi"), li huwa indirizzat lill-awtoritajiet fiskali superjuri tal-Länder. Dan jipprovdi, fit-Taqsima I(4), li, *inter alia*, attivitajiet imwettqa barra mill-pajjiż għal kuntrattur nazzjonali b'rabta ma' għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali Ġermaniża fil-qafas ta' kooperazzjoni teknika jew finanzjarja għandhom ikunu eżenti mit-taxxa fuq id-dħul.

21. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, l-awtoritajiet tat-taxxa Ġermaniżi interpretaw il-frażi "għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali Ġermaniża" bħala li tirreferi biss għal miżuri ta' għajnuna għall-iżvilupp li huma ffinanzjati direttament mill-baġit Ġermaniż, jew mill-Ministeru Federali Responsabbli għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jew mill-GIZ.

II. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

22. Fil-perijodu mit-12 ta' April 2009 sal-31 ta' Ottubru 2012, RF ħadmet bħala maniġer ta' proġett għal kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp stabbilita fil-Ġermanja. Hija ħadmet fuq il-Programm tal-Mikroproġetti (MPP) (iktar 'il quddiem il-"programm inkwistjoni") fl-Afrika fuq kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat [17]. Il-programm kien iffinanzjat, kompletament jew parzjalment, mir-riżorsi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jiġifieri taħt is-seba' u d-disa' FEŻ [18].

23. Matul dan il-perijodu, il-post ta' residenza u ċ-ċentru tal-interessi ta' RF kienu fil-Ġermanja, fejn hija kellha għalhekk responsabbiltà fiskali illimitata, filwaqt li l-post tal-impjieg tagħha kien ġewwa l-Afrika.

24. Peress li l-kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp qieset li s-salarju ta' RF kien eżentat skont l-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi, hija ma żammitx it-taxxa f'ras il-għajn fuq dan is-salarju għas-snin finanzjarji 2011 u 2012 u ma ħallsitx din it-taxxa lill-awtoritajiet tax taxxa kompetenti.

16 BStBl. 1983 I, p. 470.

17 Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi l-ebda dettalji dwar il-pajjiż ikkonċernat, iżda RF issemmi li dan kien in-Niġerja (ara l-punt 6 tal-osservazzjonijiet bil-miktub).

18 Kif diġà ntqal, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk ix-xogħol imwettaq minn RF kienx relatat kemm mas-seba' kif ukoll mad-disa' FEŻ.

Skont il-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kumpannija inizjalment ingħatat ċertifikat ta' eżenzjoni, li kien suġġett għall-konformità mal-Avviż mill-Ministeru għall-Finanzi. Is-salarju ta' RF ukoll ma kienx intaxxat fl-Afrika fil-post ta' impjieg tagħha.

25. Il-kumpannija tal-għajnuna għall-iżvilupp kienet suġġetta għal awditu tat-taxxa fuq il-pagi mill-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti. Dawn l-awtoritajiet iddikjaraw li l-programm ma kienx ġie ffinanzjat mill-Ministeru Federali Responsabbli għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jew mill-GIZ, iżda mill-FEŻ. Għalhekk, permezz ta' avviżi fiskali tat-13 ta' Frar 2014, dawn l-awtoritajiet iddeċidew li s-salarju ta' RF għandu jkun suġġett għat-taxxa fuq id-dħul fir-rigward tal-2011 u l-2012.

26. RF ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni quddiem dawn l-awtoritajiet, li ċaħduh. Hija mbagħad ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Köln (il-Qorti tal-Finanzi, Köln, il-Ġermanja), li ġie miċħud. Huwa fil-konfront ta' din is-sentenza li RF ippreżentat l-appell tagħha fuq punt ta' dritt quddiem il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju").

27. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, abbażi tad-dritt nazzjonali l-appell huwa infondat, peress li s-salarju ta' RF ma kienx direttament iffinanzjat minn xi riżorsi baġitarji nazzjonali u l-attività tagħha barra mill-pajjiż għalhekk ma kinitx marbuta ma' għajnuna pubblika għall-iżvilupp Ġermaniża. Hija tqis li d-distinzjoni magħmula mill-amministrazzjoni lanqas ma tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament peress li l-benefiċċju tat-taxxa inkwistjoni huwa motivat minn sostenn għal ċerti setturi tal-ekonomija Ġermaniża u, għalhekk, iġġustifikat fuq bażi kostituzzjonali.

28. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni. Hija tfakkar li, kuntrarjament għall-kawża Petersen [19], ir-regola fiskali inkwistjoni ma tikkostitwixxix restrizzjoni fuq il-moviment liberu, u, b'mod partikolari, fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema, peress li l-ebda ħaddiem jew persuna li timpjega ma hija ddiskriminata minħabba li tkun ġejja minn Stat Membru ieħor.

29. Skont il-qorti tar-rinviju, ir-regola fiskali inkwistjoni tista' tmur kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE. RF issostni, f'dan ir-rigward, li minn dan il-prinċipju u mill-obbligu tal-Istati Membri li jikkoordinaw il-politiki ta' żvilupp tagħhom jirriżulta li hemm obbligu li jiġu inklużi proġetti ffinanzjati minn riżorsi tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni fiskali inkwistjoni. Madankollu, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li, fid-dawl tal-kompetenza tal-Istati Membri stess fil-qasam tal-għajnuna għall-iżvilupp, ma huwiex ċert jekk dawn jistgħux jiġu pprojbiti milli jadottaw miżuri ta' politika ta' għajnuna għall-iżvilupp intiżi sabiex jippromwovu l-kummerċ barrani tagħhom. Tali obbligu lanqas ma jirriżulta mill-Ftehim ta' Cotonou.

30. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(3) [TUE] u tal-Artikoli 208 u 210 [TFUE] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi amministrattiva nazzjonali li abbażi tagħha ma jkunx hemm rinunzja għat-taxxa jekk proġett ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikun iffinanzjat mill-[FEŻ] filwaqt li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun hemm rinunzja għat-taxxa fuq

[19] Sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Petersen (C-544/11, EU:C:2013:124).

is-salarju li l-ħaddiem jirċievi abbażi ta' kuntratt tax-xogħol għal attività marbuta mal-għajnuna pubblika għall-iżvilupp ipprovduta mill-Ġermanja fil-kuntest tal-kooperazzjoni teknika jew finanzjarja, li hija tal-inqas 75 % iffinanzjata minn ministeru federali responsabbli għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jew minn kumpannija privata tal-għajnuna għall-iżvilupp li hija proprjetà tal-Istat?"

31. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn RF, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet ippreżentaw ukoll sottomissjonijiet orali fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022.

III. Evalwazzjoni

A. Osservazzjonijiet preliminari

32. L-ewwel, il-Gvern Ġermaniż, mingħajr ma jqajjem oġġezzjoni għad-domanda preliminari b'mod formali, madankollu jesprimi dubji dwar l-ammissibbiltà tagħha. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u fis-seduta huwa sostna, essenzjalment, li l-eżenzjoni prevista mir-regola fiskali nazzjonali inkwistjoni teħtieġ neċessarjament li l-proġett jiġi tal-inqas 75 % iffinanzjat minn riżorsi baġitarji nazzjonali. Fi kliem ieħor, sabiex ir-regola fiskali tkun applikabbli, is-salarju li impjegat jirċievi għandu jirriżulta minn attività li tirċievi tal-inqas 75 % tal-finanzjament tagħha minn dawn ir-riżorsi. Madankollu, dan ma jfissirx li tali attività hija kompletament eżentata mit-taxxa, peress li l-proporzjon tal-attività li ma jkunx iffinanzjat minn dawn ir-riżorsi xorta ser ikun suġġett għal tassazzjoni (jiġifieri, sa massimu ta' 25 %).

33. F'dan ir-rigward, nirrileva li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza [20].

34. Fil-fehma tiegħi, filwaqt li jista' jkun hemm lakuni fl-isfond legali stabbilit fid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa ċar kif topera r-regola fiskali nazzjonali inkwistjoni. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju spjegat li din ir-regola tipprovdi li salarju rċevut fir-rigward ta' attività fil-qasam ta' għajnuna għall-iżvilupp huwa eżenti mit-taxxa fuq id-dħul, sakemm l-attività tkun iffinanzjata permezz ta' fondi minn riżorsi baġitarji nazzjonali, filwaqt li salarju miksub fir-rigward ta' attività bħal din iffinanzjata bl-użu ta' fondi FEŻ huwa suġġett għal tassazzjoni. Konsegwentement, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-qorti tar-rinviju elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-regola fiskali inkwistjoni.

35. It-tieni, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE, jipprekludix ir-regola fiskali nazzjonali inkwistjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ssuġġerixxiet fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha li riferiment espliċitu għal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattati jiġi inkluż fil-formulazzjoni tad-domanda. Għalhekk, permezz tal-mistoqsijiet bil-miktub tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet li l-partijiet jagħtu tweġiba fil-proċedura orali fir-rigward tal-libertajiet fundamentali. Waqt is-seduta, RF u l-Kummissjoni t-tnejn sostnew li r-regola fiskali inkwistjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali, filwaqt li l-Gvern Ġermaniż sostna li dawn il-libertajiet ma kinux japplikaw fil-kawża preżenti.

[20] Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha għalfejn tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li jkun neċessarju li tieħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha [21].

37. F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandu jiġi osservat li, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, filwaqt li ssemmi l-liberta ta' moviment stabbilit fl-Artikolu 45 TFUE u d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux ir-regola nazzjonali inkwistjoni, peress li RF ma hijiex ħaddiem minn Stat Membru ieħor [22].

38. Huwa importanti li jiġi osservat li t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża Petersen [23] kienet tikkonċerna l-istess regola fiskali nazzjonali stabbilita fl-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi, bħala suġġett wieħed ta' dan il-każ. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat aspett differenti ta' din ir-regola, jiġifieri l-post ta' stabbiliment tal-persuna li timpjega. Fil-kawża Petersen, il-ħaddiem inkwistjoni kien impjegat minn persuna li timpjega stabbilita fid-Danimarka li kienet twettaq proġett ta' għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjat mill-Aġenzija Daniża għall-Iżvilupp Internazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul kienet tirrikjedi li l-persuna li timpjega jkollha s-sede tagħha fil-Ġermanja u ddeċidiet li tali rekwiżit kien jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema pprojbita mill-Artikolu 45 TFUE [24]. Fil-kawża preżenti, il-fatti fil-kawża prinċipali ma jikkonċernawx l-istess rekwiżit (li huwa effettivament issodisfatt), peress li kemm RF u kemm il-kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp huma stabbiliti fil-Ġermanja. Fi kwalunkwe każ, hija sitwazzjoni purament interna fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

39. Madankollu, nenfasizza li r-regola fiskali nazzjonali inkwistjoni tittratta wkoll lill-impjegati b'mod differenti abbażi tal-*oriġini tal-fondi* pprovduti għall-proġett ta' għajnuna. L-eżenzjoni fiskali tingħata jew tiġi rrifjutata lill-impjegat li jaħdem fuq dak il-proġett skont jekk proġett ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp huwiex iffinanzjat direttament minn riżorsi baġitarji nazzjonali jew minn riżorsi tal-FEŻ. Għalhekk, l-ewwel għandu jiġi ddeterminat jekk u, jekk iva, liema mil-libertajiet fundamentali l-oħra jistgħu jkun applikabbli għal din il-kawża.

B. Ir-rilevanza tal-libertajiet fundamentali l-oħra

40. Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' libertà fundamentali, jirriżulta ċar minn ġurisprudenza stabbilita llum li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-*għan* tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni [25].

41. Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq [26], jiena tal-fehma li l-kawża prinċipali ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE. Madankollu, il-fatt li din il-kawża tittratta l-effett tar-regola fiskali nazzjonali inkwistjoni fuq il-ħaddiema transkonfinali, iżda mhux il-mod kif din

21 Sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2016, M. u S. (C-303/15, EU:C:2016:771, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-31 ta' Mejju 2018, Zheng (C-190/17, EU:C:2018:357, punt 27).

22 Rinviju għal deċiżjoni preliminari, punti 29 u 30. Madankollu, għandi nenfasizza li, waqt li kienet residenti Ġermaniża, RF wettqet il-kompiti tagħha fil-pajjiż terz inkwistjoni taħt il-programm ta' għajnuna inkwistjoni.

23 Sentenza tat-28 ta' Frar 2013, C-544/11, EU:C:2013:124.

24 *Ibid.*, punti 39 sa 43.

25 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Dijkman u Dijkman-Lavaleije (C-233/09, EU:C:2010:397, punt 26); tat-13 ta' Novembru 2012; Test Claimants in the FII Group Litigation (C-35/11, EU:C:2012:707, punt 90); u tal-21 ta' Mejju 2015, Wagner-Raith (C-560/13, EU:C:2015:347, punt 31).

26 Ara punt 38 iktar 'il fuq.

taffettwa l-finanzjament ta' proġetti ta' għajnuna, ma jeskludix l-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali l-oħra, sakemm dawk il-libertajiet fundamentali l-oħra ma jitqisux bħala anċillari fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema [27]. F'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi fejn żewġ libertajiet fundamentali huma ugwalment importanti għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn is-sitwazzjonijiet jirrigwardaw iż-żewġ libertajiet fundamentali fl-istess ħin [28]. Skont il-ġurisprudenza rilevanti, tali sitwazzjoni speċifika tista' tinħoloq meta waħda mil-libertajiet fundamentali ma tapplikax għall-każ inkwistjoni, peress li s-sitwazzjoni tkun, għall-finijiet ta' din il-libertà, limitata *f'kull aspett* għal Stat Membru wieħed [29]. Madankollu, dan jista' ma jkunx il-każ għall-finijiet tal-libertajiet fundamentali l-oħra. Minn dan isegwi li s-sitwazzjoni inkwistjoni tista' tkun ristretta fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema fi Stat Membru wieħed iżda jkollha element transkonfinali fir-rigward ta' libertajiet oħra.

42. Fil-kawża preżenti, ninnota li regola fiskali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-effett li toħloq differenza fit-trattament skont *l-oriġini tal-fondi*. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-eżenzjoni fiskali inkwistjoni tingħata fir-rigward ta' attività ta' żvilupp ta' għajnuna barranija ffinanzjata minn riżorsi baġitarji nazzjonali, iżda hija miċħuda meta l-finanzjament jingħata mill-FEŻ. F'dan ir-rigward, fis-sentenza reċenti tagħha tal-Awla Manja fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija [30], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tittratta b'mod differenti l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet stabbiliti fl-Ungerija skont l-oriġini nazzjonali jew "barranija" tal-għajnuna finanzjarja li jirċievu taqa' taħt l-Artikolu 63 TFUE [31]. Għalhekk, fil-kawża preżenti, peress li d-differenza fit-trattament inkwistjoni tinsab fl-oriġini tal-fondi, għandu jiġi eżaminat jekk u, jekk iva, sa liema punt, regola fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex kapaċi taffettwa l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE. F'dan ir-rigward, għandi nenfasizza li, fir-rigward tal-Artikolu 63 TFUE, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan l-artikolu għandu *effett dirett*, sabiex ikun jista' jiġi invokat quddiem il-qrati nazzjonali u jwassal sabiex regoli nazzjonali kuntrarji għalih ma jiġux applikati [32].

43. Fid-dawl ta' tali effett dirett u fid-dawl tas-sottomissjonijiet orali mressqa minn RF u mill-Kummissjoni, ser nibda billi neżamina jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola fiskali ta' Stat Membru li tipprovdi għal eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul għas-salarju li jirċievi impjegat assenjat għal attivitajiet ta' għajnuna għall-iżvilupp biss fejn tali attività hija tal-inqas 75 % iffinanzjata minn riżorsi baġitarji nazzjonali, iżda għandha l-effett li ċċaħħad impjegat mill-benefiċċju ta' eżenzjoni bħal din fejn dan ikun assenjat għal attività ta' dik in-natura ffinanzjata bl-istess mod minn wieħed mill-FEŻ.

27 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta miżura nazzjonali tirrigwarda żewġ libertajiet fundamentali fl-istess ħin, huwa meħtieġ li tiġi eżaminata l-miżura inkwistjoni, bħala prinċipju, fir-rigward ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali jekk jirriżulta, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, li waħda hija kompletament sekondarja għall-oħra u tista' tingħaqad magħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega, C-36/02, EU:C:2004:614, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome, C-182/08, EU:C:2009:559, punt 37).

28 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, X u Passenheim-van Schoot (C-155/08 u C-157/08, EU:C:2009:368, punt 40). Jista' jkun hemm kumulu bejn il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, speċifikament fil-każ ta' ishma u dividendi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Holböck, C-157/05, EU:C:2007:297, punti 23 u 24).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Libert *et* (C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza Assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476).

31 *Ibid*, punti 61, 62 u 65.

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, The Trustees of the BT Pension Scheme (C-628/15, EU:C:2017:687, punt 49).

C. Il-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE

a) Kamp ta' applikazzjoni territorjali

44. L-ewwel, l-Artikolu 63 TFUE jipprovdi li kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn Stati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għandha tkun ipprojbita. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li t-trattament fiskali ddifferenzjat inkwistjoni ma huwiex diskriminatorju fis-sens tat-Trattati peress li l-attività ta' żvilupp ta' għajnuna barranija ffinanzjata direttament mir-riżorsi tal-Unjoni ma tikkostitwixxix finanzjament minn Stat Membru ieħor [33].

45. F'dan ir-rigward, ninnota li, fil-kawża preżenti, il-finanzjament ipprovdut lill-kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp sabiex twettaq attivitajiet ta' żvilupp ta' għajnuna barranija huwa pprovdut mill-FEŻ. Kif ġie spjegat fil-punti 13 u 16 hawn fuq, il-finanzjament tal-FEŻ ġie adottat bi ftehim intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, u huwa suġġett għal regolamenti finanzjarji. Għalhekk, filwaqt li l-finanzjament lill-impriża inkwistjoni ma jiġix ipprovdut direttament minn Stat Membru ieħor, in-nefqa meħtieġa għall-għajnuna finanzjarja (dak iż-żmien) Komunitarja kienet imħallsa direttament mill-Istati Membri [34], li pprovdew kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-FEŻ. Pereżempju, il-kontijiet finali tad-disa' FEŻ għas-sena finanzjarja 2009 juru li r-riżorsi tal-FEŻ huma kontribuzzjonijiet *ad hoc* mill-Istati Membri tal-Unjoni [35]. Barra minn hekk, skont ir-regolamenti finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tmexxi l-FEŻ taħt ir-responsabbiltà tagħha stess u għandha taħtar, b'mod partikolari, l-uffiċjal awtorizzanti prinċipali u l-kontrollur finanzjarju tal-FEŻ [36]. Fil-qosor, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-FEŻ kien ta' natura intergovernattiva u baqa' barra mill-baġit tal-Unjoni, minkejja l-fatt li ħafna mir-riżorsi tiegħu kienu ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea [37].

46. Fil-fehma tiegħi, minn din il-konstatazzjoni jistgħu jinsiltu l-konklużjonijiet li ġejjin. L-ewwel, li kieku l-finanzjament ipprovdut lill-kumpannija inkwistjoni kellu jiġi pprovdut minn riżorsi baġitarji Ġermaniżi, is-sitwazzjoni tista' titqies bħala sitwazzjoni purament interna. Madankollu, fis-sitwazzjoni preżenti, il-finanzjament huwa pprovdut minn entitajiet esterni, jiġifieri l-FEŻ, li għandu l-karatteristiċi msemmija hawn fuq [38]. It-tieni, il-finanzjament ipprovdut mill-FEŻ huwa kompost mill-kontribuzzjonijiet diretti tal-Istati Membri. Għalhekk jista' jiġi ekwiparat ma'

33 Punt 30 tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

34 Ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 1994, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-316/91, EU:C:1994:76, punt 4). F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-nefqa meħtieġa għall-għajnuna finanzjarja tal-Komunità ma kinitx nefqa Komunitarja, iżda kienet meħuda direttament mill-Istati Membri u, għalhekk, ma kinitx tifforma parti mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

35 Ara, Il-Kontijiet finali tat-8, id-9 u l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp – is-sena finanzjarja 2009 (ĠU 2010 C 310, p. 1). Dak id-dokument iżid li, bejn wieħed u ieħor kull ħames snin, rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom jiltaqgħu fil-livell intergovernattiv biex jiddeċiedu dwar ammont globali li se jiġi allokat lill-Fond u biex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tiegħu. Fl-2009 u fl-2008, kontribuzzjonijiet relatati mad-disa' FEŻ kienu ntalbu mill-15-il Stat Membru parteċipanti.
Quddiem il-Qorti, il-Kummissjoni nnutat li s-seba' FEŻ (1990-1995) kien jammonta għal ECU 10 940 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri (inkluża l-Ġermanja, sa ECU 2 840 miljun). Dan ifisser li ECU 8100 (74 %) tal-finanzjament kien ipprovdut minn Stati oħra minbarra l-Ġermanja. Il-Kummissjoni żżid li d-disa' EDF (2000-2007) ammonta għal sa EUR 13 800 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u EUR 1 700 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-parteċipazzjoni tal-Ġermanja fid-disa' EDF ma hijiex iddettaljata fl-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

36 Ara l-Artikoli 9(1), 11 u 13 tar-Regolament Finanzjarju 91/491, u l-Artikoli 1(2), 18 u 27 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' FEŻ.

37 Barra minn hekk, ninnota li fir-rigward tal-MPP li jidher li huwa inkwistjoni f'dan il-każ, il-kontribuzzjonijiet jistgħu jsiru wkoll mill-komunità lokali kkonċernata u eċċezzjonalment mill-Istat AKP ikkonċernat (ara l-Artikolu 71(2)(a) u (c) tal-Ftehim ta' Cotonou).

38 Ara l-punti 13 sa 16 u 45 iktar 'il fuq.

moviment tal-kapital minn *Stati Membri oħra*. L-element transkonfinali, li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, huwa stabbilit mill-moviment tal-kapital mill-FEŻ għall-impriża inkwistjoni.

47. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE għandu jinkludi l-movimenti tal-kapital bejn fond konġunt barrani stabbilit mill-Istati Membri, bħall-FEŻ, kif ukoll impriża li tinsab f'wieħed mill-Istati Membri. Għall-każ inkwistjoni, dan ifisser li hemm element transkonfinali.

b) Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae

48. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 63 TFUE, filwaqt li t-Trattat FUE ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "moviment tal-kapital", jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza pprovdiet numru ta' indikazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fl-assenza ta' tali definizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja spiss ibbażat ruħha fuq il-lista pprovduta mid-dritt sekondarju, jiġifieri n-nomenklatura tal-movimenti tal-kapital [39]. Fil-kawża preżenti, din in-nomenklatura ma tkoprix espliċitament il-finanzjament ipprovdut mill-FEŻ [40]. Madankollu, din in-nomenklatura għandha biss valur indikattiv għall-finijiet tad-definizzjoni tal-kunċett ta' movimenti tal-kapital [41], li jfisser li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tespandi l-kunċett ta' kapital lil hinn mit-tifsira ekonomika "klassika" [42]. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-wirt u r-rigali huma inklużi fil-kunċett ta' movimenti tal-kapital [43]. Għalhekk, hija diġà applikat il-libertà tal-moviment tal-kapital għal taxxa fuq legat irċevut minn assoċjazzjoni reliġjuża, li kienet organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru [44]. Barra minn hekk, dan il-kunċett jinkludi wkoll investimenti fi proprjetà immobbli relatati mal-akkwist ta' użufrutt fuq art [45].

49. Filwaqt li t-tifsiriet ekonomiċi u legali tat-terminu "kapital" mhux dejjem huma identiċi [46], f'dan il-każ, ma għandu bl-ebda mod ikun kontroversjali li jingħad li finanzjament finanzjarju bħal dak ipprovdut minn fond lil kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp stabbilita fil-Ġermanja jaqa' taħt il-kunċett ta' kapital peress li, suġġett għall-istħarriġ li għandu jsir mill-qorti tar-rinviju, dan jinvolvi trasferiment ta' somma ta' flus lil impriża għal proġett ta' żvilupp imwettaq minn din il-kumpannija.

50. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li t-terminu "moviment tal-kapital" jinkludi tali finanzjament, il-mistoqsija li jmiss tkun jekk dan ikoprix is-salarju mħallas minn din l-impriża lil persuna li taħdem fuq proġett ta' żvilupp ta' għajnuna barranija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi jekk il-"moviment" inkwistjoni jinvolvix moviment bejn l-FEŻ u

39 Nomenklatura stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta'l-Artikolu 67 tat-Trattat [KE] (artikolu mħassar mit-Trattat ta' Amsterdam) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10).

40 Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkunsidra li hija tranżazzjoni finanzjarja fis-sens ta' din in-nomenklatura. Pereżempju, fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone (286/82 u 26/83, EU:C:1984:35), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li movimenti tal-kapital huma tranżazzjonijiet finanzjarji li jikkonsistu essenzjalment fid-depożitu jew investiment tas-somma inkwistjoni. Fil-prinċipju, għalhekk, huma tranżazzjonijiet finanzjarji u huma distinti minn ħlasijiet kurrenti peress li huma iktar fin-natura tal-ħolqien ta' assi.

41 Sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Hindelang, S., "*Foreign Direct Investment and the Material Scope of Application of Article 56(1) EC*", *The Free Movement of Capital and Foreign Direct Investment: The Scope of Protection in EU Law*, Oxford, 2009; edizzjoni diġitali Oxford Academic, 1 ta' Settembru 2009, p. 45-47.

43 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2012, van Putten (C-578/10 sa C-580/10, EU:C:2012:246, punt 29), u tas-16 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Franza (C-485/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:506, punt 22).

44 Ara s-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Missionswerk Werner Heukelbach (C-25/10, EU:C:2011:65, punt 23).

45 Sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 57).

46 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 42 iktar 'il fuq.

l-impriża tal-Istat Membru jew bejn l-FEŻ u l-proġett destinatarju żviluppat fl-Istat AKP inkwistjoni. Fil-fehma tiegħi, il-kunċett ta' "moviment" għandu japplika għall-"għajnuna" kollha, jiġifieri l-fluss finanzjarju mid-donatur (il-FEŻ) għar-riċevitur, jiġifieri l-programm inkwistjoni żviluppat fl-Istat AKP ikkonċernat [47]. L-impenn tal-Istat Membru huwa biss pass fil-finanzjament ta' dak il-programm, li jrid jissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali tal-Istati AKP. Għalhekk, it-terminu "moviment" għandu jkopri l-ħoloq kollha tal-katina mid-donatur sar-riċevitur [48]. Peress li hemm inċentivi internazzjonali biex titnaqqas it-tassazzjoni fir-rigward tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, ovvjament li l-kunċett ta' "għajnuna" jinkludi l-*fluss finanzjarju kollu* mill-FEŻ għar-riċevitur fl-Istati AKP.

51. Konsegwentement, jiena tal-fehma li r-regola fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn din tirrigwarda dħul iffinanzjat mill-FEŻ u rċevut minn impriża fi Stat Membru, għandha tidħol fil-kunċett ta' "moviment tal-kapital" fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE.

c) Kamp ta' applikazzjoni ratione personae

52. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 63 TFUE jinvolvi r-riżoluzzjoni ta' żewġ kwistjonijiet. L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi jekk din id-dispożizzjoni tapplikax *ratione personae* għal dħul iffinanzjat mill-FEŻ, li huwa fond pubbliku stabbilit mill-Istati Membri taħt regolament finanzjarju adottat minn dawn l-Istati, u rċevut minn kumpannija ta' għajnuna għall-iżvilupp stabbilita fi Stat Membru, u, it-tieni, jekk impjegat ta' tali kumpannija jistax jinvoka din il-libertà fundamentali.

53. L-Avukat Ġenerali Mengozzi enfasizza n-"natura stess tal-moviment liberu tal-kapital […] li hija libertà msejsa fuq is-suġġett tat-tranżazzjonijiet iktar milli fuq il-kwalità tal-persuni li jwettquhom" [49]. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, pereżempju, li l-moviment liberu tal-kapital kien japplika għal operazzjonijiet imwettqa minn fondazzjoni [50] rikonoxxuta li tagħmel karità u għal taxxa fuq legat irċevut minn assoċjazzjoni reliġjuża, li kienet organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru [51]. Barra minn hekk, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkaratterizza l-FEŻ bħala fond tal-KE jew tal-Unjoni, libertajiet fundamentali oħra japplikaw għall-uffiċjali tal-Unjoni [52], li jirrendi dawn il-libertajiet applikabbli għal tipi differenti ta' moviment – personali jew materjali – bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru.

47 F'dan ir-rigward, għandi ninnota wkoll li l-MPP, li huma inkwistjoni hawnhekk, huma strumenti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u tal-AKP. Pereżempju, kien hemm diversi MPP fin-Niġerja għad-9 stati tar-reġjun bejn l-1999 u l-2012, bħal MPP3 (2000-2004), MPP6 (2004-2008) u MPP9 (2008-2012), b'EUR 210 miljun jintefqu fuq dawn il-programmi. Ara Nwaodu, N.O., Odey, S.A., Emma-Egbumokei, N.S., *The European Union and UN Millennium Development Goals in Nigeria: A Study of the Micro Projects Programmes (MPPs) in the Niger Delta Region*, Africa's Public Service Delivery & Performance Review, AOSIS, 2016, p. 459-481.

48 Ara, f'dan is-sens, The United Nations Guidelines on the tax treatment of government-to-government aid projects. Disponibbli minn https://www.un.org/development/desa/financing/sites/www.un.org.development.desa.financing/files/2021-09/G-to-G%20PDF.pdf, punti 10 u 37.

49 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Persche (C-318/07, EU:C:2008:561, punt 35) u ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Stix-Hackl fil-kawża Centro di Musicologia Walter Stauffer (C-386/04, EU:C:2005:785, punti 58 sa 60).

50 Sentenza tal-14 ta' Settembru 2006, Centro di Musicologia Walter Stauffer (C-386/04, EU:C:2006:568).

51 Ara s-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Missionswerk Werner Heukelbach (C-25/10, EU:C:2011:65).

52 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-trattament tad-dħul ta' uffiċjal jew membru tal-persunal bil-kuntratt tal-Unjoni Ewropea jaqa' taħt waħda mil-libertajiet fundamentali, bħall-Artikolu 45 TFUE (sentenzi tas-16 ta' Frar 2006, Öberg, C-185/04, EU:C:2006:107, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-6 ta' Ottubru 2016, Adrien *et*, C-466/15, EU:C:2016:749, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata), allura dħul iffinanzjat mill-FEŻ għandu jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE. Jekk id-dħul iffinanzjat direttament mill-baġit tal-Unjoni jista' jikkostitwixxi restrizzjoni għall-Artikolu 45 TFUE, allura l-finanzjament imwettaq mill-FEŻ, li huwa fond stabbilit mill-Istati Membri tal-Unjoni, għandu jaqa' fl-ambitu tal-libertajiet fundamentali.

54. Ma hemm ebda dubju li kumpannija li l-proġetti tagħha ta' għajnuna għall-iżvilupp huma ffinanzjati mill-FEŻ tista', bħala benefiċjarja ta' dan il-kapital, tikkontesta l-kompatibbiltà tar-regola fiskali inkwistjoni mal-moviment liberu tal-kapital. B'mod ġenerali, ħaddiem li jikkontribwixxi għall-proċess ta' produzzjoni jew għas-servizzi ta' kumpannija jitqies bħala input jew fattur ta' produzzjoni [53]. Fi kliem ieħor, il-mod kif il-ħaddiem jiġi ttrattat jaffettwa l-kumpannija u l-valur input-output tagħha. Pereżempju, l-ispejjeż tax-xogħol jaffettwaw in-numru u l-kwalità tal-ħaddiema li l-kumpannija tista' timpjega. Għalhekk, peress li t-terminu "moviment" għandu jkopri l-elementi kollha tal-katina mill-FEŻ sal-proġett fl-Istat tal-AKP [54], għandu jinkludi wkoll is-salarju ta' ħaddiem li jipparteċipa f'dak il-proġett u jikkostitwixxi l-input ta' kumpannija.

55. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-kawża prinċipali kienet, sa ċertu punt, skattata mill-kumpannija inkwistjoni, li inizjalment ingħatat ċertifikat ta' eżenzjoni fir-rigward tas-salarju ta' RF u li ma żammitx it-taxxa f'ras il-għajn fuq dan is-salarju. Bħala riżultat ta' din l-ommissjoni, l-awtoritajiet tat-taxxa Ġermaniżi ddeċidew li jitolbu mingħand RF it-taxxa fuq id-dħul li kienet dovuta għall-2011 u għall-2012. Jidhirli li RF għandha tkun tista' tibbaża ruħha fuq din il-libertà fundamentali sabiex tipproteġi s-salarju tagħha minn taxxi li jistgħu jkunu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Għall-finijiet kemm ta' din it-tilwima u kemm tal-għanijiet segwiti mir-regola fiskali inkwistjoni, is-salarju li rċeviet RF għandu jitqies bħala parti mill-kapital li l-kumpannija rċeviet mill-FEŻ. B'dan il-mod, RF tista' tibbaża ruħha fuq dik il-libertà fundamentali.

56. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, u kuntrarjament għall-fehma li esprima l-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, jiena tal-fehma li r-regola fiskali inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63 TFUE.

2. L-eżistenza ta' restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital

57. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 63 TFUE jipprojbixxi kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri, suġġett għall-ġustifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 65 TFUE. Minkejja li t-taxxa diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, hija ġurisprudenza stabbilita li dawn tal-aħħar madankollu għandhom jeżerċitawha b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-libertajiet fundamentali ggarantiti minn dan it-Trattat [55]. Dan ifisser li l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jadottaw miżuri diskriminatorji għad-detriment ta' persuni li jkunu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal moviment liberu.

58. Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 63(1) TFUE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti tal-kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti tal-imsemmi Stat Membru milli jinvestu fi Stati oħra [56].

59. Fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija [57], fil-kuntest ta' azzjoni għal ksur, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'eżami tal-kompatibbiltà mal-moviment liberu tal-kapital ta' dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li jimponu obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u

53 https://www.financereference.com/factors-of-production/.

54 Ara l-punti 49 u 50 iktar 'il fuq.

55 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Berlington Hungary *et* (C-98/14, EU:C:2015:386, punt 34).

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2020, Société Générale (C-565/18, EU:C:2020:318, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza Assoċjattiva), C-78/18, EU:C:2020:476, punti 60 u 62.

ta' pubblikità fuq ċerti kategoriji ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jibbenefikaw direttament jew indirettament minn għajnuna barranija li taqbeż ċertu limitu, u li jipprevedu l-possibbiltà li jiġu applikati sanzjonijiet fuq l-organizzazzjonijiet li ma josservawx dawn l-obbligi. Hija ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet kienu mmirati lejn il-persuni minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi li jagħtu għajnuna finanzjarja lill-assoċjazzjonijiet jew fondazzjonijiet stabbiliti fl-Ungerija, billi jipprevedu l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni dwar dawn il-persuni u din l-għajnuna finanzjarja, li huwa wkoll ta' natura li jiddisswadi lil dawn il-persuni milli jipprovdu tali għajnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tenfasizza li, b'dan il-mod, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni, ikkunsidrati fil-globalità tagħhom, irriżervaw trattament differenti mhux biss għall-assoċjazzjonijiet u għall-fondazzjonijiet stabbiliti fl-Ungerija li rċevew għajnuna finanzjarja li kienet intbagħtet minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, meta mqabbla ma' dawk li rċevew għajnuna finanzjarja minn sors Ungeriż, iżda wkoll għall-persuni li jagħtu lil dawn l-assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet għajnuna finanzjarja mibgħuta minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz, meta mqabbla ma' dawk li għamlu dan minn post ta' residenza jew minn uffiċċju rreġistrat lokalizzat fl-Ungerija [58].

60. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-differenzi fit-trattament li jiddependu mill-*oriġini* nazzjonali jew *barranija* tal-għajnuna finanzjarja inkwistjoni jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità [59].

61. Fil-kawża preżenti, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li l-eżenzjoni fiskali inkwistjoni hija disponibbli biss meta l-proġett ta' għajnuna għall-iżvilupp ikun iffinanzjat minn riżorsi baġitarji nazzjonali. Tali finanzjament iseħħ fejn il-proġett ikun tal-inqas 75 % iffinanzjat minn Ministeru Federali Responsabbli għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jew minn kumpannija privata tal-għajnuna għall-iżvilupp li hija proprjetà tal-Istat. Għall-kuntrarju, proġett ta' għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjat minn fondi barranin [60], bħall-FEŻ, jaqa' taħt l-Avviż tal-Ministeru għall-Finanzi u, għalhekk, is-salarji mħallsa taħt dan il-proġett mill-impriża inkwistjoni għandhom jiġu ntaxxati.

62. Bl-applikazzjoni tar-regola fiskali inkwistjoni, it-trattament fiskali tas-salarji mħallsa minn impriżi ffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali u dawk imħallsa minn impriżi ffinanzjati minn finanzjament barrani ma humiex l-istess. Impriżi ffinanzjati minn kapital barrani huma suġġetti għal piż ta' taxxa ogħla minn dak applikat għal impriżi ffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali. Konsegwentement, dawk tal-ewwel jinsabu f'pożizzjoni inqas favorevoli minn dawk tal-aħħar [61].

63. Tali differenza fit-trattament fiskali għandha effett fuq l-użu tal-fondi li l-kumpanniji ta' għajnuna għall-iżvilupp jirċievu [62], senjatament billi jiżdiedu l-ispejjeż ta' manodopera tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni u, b'hekk, jitnaqqsu r-riżorsi disponibbli fir-rigward ta' dawn il-proġetti u l-kapital disponibbli għall-kumpanniji. Essenzjalment, minn naħa, il-kumpannija inkwistjoni għandha tiddeċiedi, l-ewwel, jekk tapplikax għal finanzjament minn riżorsi baġitarji nazzjonali jew mill-FEŻ, it-tieni, jekk timpjegax inqas impjegati jew impjegati li huma inqas kompetittivi fis-settur inkwistjoni, u/jew, it-tielet, jekk tnaqqasx spejjeż oħra. Il-ħaddiem, min-naħa l-oħra, jista' jiġi f'pożizzjoni li jkollu jagħżel proġetti ta' għajnuna barranija li huma inqas finanzjarjament vantaġġużi minn proġetti ffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali. Jekk il-ħaddiem jagħżel

58 *Ibid.*, punti 60 u 61.

59 *Ibid.*, punt 62.

60 Ara l-punt 47 iktar 'il fuq.

61 Ara, b'mod simili, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Hollmann (C-443/06, EU:C:2007:600, punt 37).

62 Ara, b'mod simili, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Welte (C-181/12, EU:C:2013:662, punti 25 u 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

il-proġetti ffinanzjati mill-FEŻ, it-taxxa tinżamm f'ras il-għajn (jew, bħal fil-kawża preżenti, tista' tiġi mitluba fi stadju sussegwenti) mill-awtorità fiskali kompetenti, li jfisser li l-piż tat-taxxa ta' dik il-persuna ikun ħafna ogħla [63].

64. Konsegwentement, jiena tal-fehma li tali regola fiskali inkwistjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

3. L-eżistenza ta' ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital taħt l-Artikolu 65 TFUE

65. Jirriżulta mill-ġurisprudenza fir-rigward tal-Artikolu 65(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 65(3) tiegħu, li sabiex ir-regoli fiskali nazzjonali jitqiesu bħala kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament komparabbli jew li d-differenza tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali [64].

66. L-ewwel, fir-rigward tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet [65], il-Gvern Ġermaniż sostna waqt is-seduta li s-sitwazzjoni ta' proġett ta' għajnuna ffinanzjat minn riżorsi baġitarji nazzjonali u ta' wieħed iffinanzjat mill-FEŻ hija oġġettivament differenti. B'mod partikolari, huwa argumenta li l-proġetti tal-FEŻ jistgħu jkunu ffinanzjati aħjar minn proġetti ffinanzjati nazzjonalment u għalhekk il-pagi relatati mal-proġetti tal-FEŻ huma ogħla minn dawk relatati ma' proġetti ffinanzjati nazzjonalment.

67. F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet għandha tiġi eżaminata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni għandhom l-intenzjoni li jiksbu [66]. F'dan ir-rigward, huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' evalwazzjoni ta' jekk it-trattament differenti li jirriżulta minn tali leġiżlazzjoni jirriflettix differenza oġġettiva tas-sitwazzjonijiet [67].

68. Fil-kawża preżenti, ninnota li l-eżenzjoni fiskali inkwistjoni hija marbuta ma' kriterju ta' distinzjoni li huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-oriġini tal-fondi. Fir-rigward tal-proġetti ffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali, ir-rikorrenti ssostni li l-għan tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 34(c)(5) tal-EStG huwa li ssostni l-korpi ta' għajnuna għall-iżvilupp billi tgħinhom jattiraw il-ħaddiema bl-aħjar prestazzjoni. Għalhekk, jidher li l-għan ġenerali huwa li jiġu sostnuti proġetti ta' żvilupp barranin. Il-FEŻ huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li għandu l-għan li jiffinanzja proġetti, b'mod partikolari, fl-Istati AKP. Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, proġetti ffinanzjati mill-FEŻ u dawk iffinanzjati minn riżorsi baġitarji nazzjonali għandhom jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli. Anki li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina l-ġustifikazzjoni tal-Gvern Ġermaniż li l-pagi tal-proġetti tal-FEŻ huma ogħla minn dawk imħallsa fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati fuq livell nazzjonali, għandu

63 Fil-kawża preżenti, waqt is-seduta ġie argumentat li l-ammont imħallas f'taxxa kien jikkostitwixxi t-tfaddil għall-irtirar ta' RS.

64 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Feilen (C-123/15, EU:C:2016:496, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dawn il-konklużjonijiet, mhux ser neżamina r-rilevanza tal-eżami tal-komparabbiltà, li ma huwiex inkwistjoni (ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Nordea Bank (C-48/13, EU:C:2014:153, punt 22).

66 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA (C-231/05, EU:C:2007:439, punt 38); u tal-1 ta' April 2014, Felixstowe Dock u Railway Company *et* (C-80/12, EU:C:2014:200, punt 25); u tat-12 ta' Ġunju 2018, Bevola u Jens W. Trock (C-650/16, EU:C:2018:424, punt 32).

67 Sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2016, Pensioenfonds Metaal en Techniek (C-252/14, EU:C:2016:402, punt 49), u tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et* (C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 28).

jiġi enfasizzat li l-Gvern ma ssostanzjax dan l-argument, li, fi kwalunkwe każ, ma huwiex ibbażat fuq l-għan tar-regola fiskali inkwistjoni. Konsegwentement, jiena tal-fehma li d-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna sitwazzjonijiet li huma oġġettivament komparabbli.

69. It-tieni, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital hija permissibbli biss jekk tkun iġġustifikata, fil-każ ta' diskriminazzjoni diretta, minn waħda mir-raġunijiet espressament previsti fit-Trattati u, jekk dan ikun il-każ, unikament jekk tkun xierqa biex tiżgura t-twettiq tal-għan inkwistjoni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dan l-għan jintlaħaq [68].

70. Fil-kawża preżenti, għandu jiġi kkonstatat li l-atti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jispeċifikawx x'għan kellha l-awtorità fiskali nazzjonali meta stabbilixxiet il-kriterju li l-miżura ta' għajnuna għall-iżvilupp kellha tiġi tal-inqas 75 % iffinanzjata minn riżorsi baġitarji nazzjonali.

71. Skont id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, ir-regola fiskali inkwistjoni taqa' taħt is-setgħat sovrani tal-Ġermanja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, għalkemm huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza s-sistema tiegħu ta' tassazzjoni tad-dħul, hija ġurisprudenza stabbilita li l-Istati Membri għandhom madankollu jeżerċitaw l-awtonomija fiskali tagħhom b'osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk imposti mid-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital, li jirrikjedi li s-sistema fiskali tkun imfassla biex tkun nondiskriminatorja [69]. Għaldaqstant, il-ġustifikazzjoni inkwistjoni għandha tiġi miċħuda, mingħajr ma hemm bżonn li tiġi eżaminata l-proporzjonalità tagħha.

4. Konklużjoni provviżorja

72. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għad-domanda preliminari magħmula hija li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul għas-salarju li jirċievi impjegat assenjat għal attivitajiet ta' għajnuna għall-iżvilupp biss meta tali attività tkun tal-inqas 75 % iffinanzjata mir-riżorsi baġitarji nazzjonali, iżda li jkollha l-effett li ċċaħħad impjegat mill-benefiċċju ta' tali eżenzjoni meta dan jiġi assenjat għal attività ta' dik in-natura ffinanzjata bl-istess miżura minn wieħed mill-FEŻ.

73. Madankollu, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kompatibbiltà tar-regola fiskali inkwistjoni mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE moqri flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE. Huwa biss f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-konklużjoni ta' hawn fuq u madankollu tiddeċiedi li teżamina l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li ser niddiskuti din il-kwistjoni hawn taħt.

68 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar (C-212/11, EU:C:2013:270, punt 60); tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 76 *et seq.*); u tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Köln-Aktienfonds Deka (C-156/17, EU:C:2020:51, punti 42 u 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74. Qabel ma nirrikorri għall-analiżi tiegħi tad-domanda tal-qorti nazzjonali kif ifformulata minnha, għandi nenfasizza li, kif diġà ġie spjegat[70], jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-Artikolu 63 TFUE għandu *effett dirett*, sabiex ikun jista' jiġi invokat quddiem il-qrati nazzjonali u jwassal sabiex regoli nazzjonali inkonsistenti miegħu ma jiġux applikati. Madankollu, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma għandux tali effett[71]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat din id-dispożizzjoni għad-dritt fiskali nazzjonali f'diversi okkażjonijiet, li ma huwiex il-każ tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali[72]. Għalhekk, l-invokazzjoni ta' libertajiet fundamentali tas-suq intern, u b'mod partikolari tal-moviment liberu tal-kapital, hija inqas intrużiva fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri minn dik tal-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE fil-qasam tal-kompetenzi paralleli, li sejjer niddiskuti iktar 'il quddiem.

D. Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali applikat flimkien mar-regoli dwar il-kompetenzi stabbiliti fit-Trattati

75. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

76. Sabiex inwieġeb għal din id-domanda, l-ewwel ser nikkunsidra l-eżerċizzju tal-kompetenzi mill-Unjoni u mill-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. It-tieni, ser neżamina jekk regola fiskali nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 4(3) TUE moqri flimkien mal-Artikoli 4(4) u mal-Artikoli 208 u 210 TFUE. It-tielet, ser nittratta l-kwistjoni tal-effett dirett ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

1. L-eżerċizzju tal-kompetenzi mill-Unjoni u l-Istati Membri

a) Ir-regoli dwar il-kompetenza fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-obbligu tal-effiċjenza

77. Preliminarjament, għandi nfakkar li, skont il-qasam, l-Unjoni Ewropea jista' jkollha kompetenzi esklużivi, kondiviżi jew "ta' sostenn"[73]. L-oqsma ta' dawk il-kompetenzi speċifiċi huma elenkati fl-Artikoli 3 sa 6 TFUE.

78. Fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-Artikolu 4(4) TFUE jippreċiża li l-Unjoni Ewropea "għandha l-kompetenza sabiex tieħu azzjonijiet u tmexxi politika komuni", u jżid li dan għandu jseħħ "mingħajr ma l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza jkun jista' jimpedixxi lill-Istati Membri milli jeżerċitaw tagħhom". Din l-aħħar kompetenza għalhekk ma hijiex inkluża fil-lista ta' kompetenzi kondiviżi "standard" stabbilita fl-Artikolu 4(2) TFUE, li telenka oqsma bħas-suq

70 Ara punt 42 iktar 'il fuq.

71 Ara s-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1973, Schlüter (9/73, EU:C:1973:110) u tal-15 ta' Jannar 1986, Hurd (44/84, EU:C:1986:2).

72 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilita fl-Artikolu 4(3) TUE ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tista' tnissel obbligu indipendenti fuq l-Istati Membri li jmur lil hinn mill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 63 u 65 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Riskin u Timmermans, C-176/15, EU:C:2016:488, punt 36, u d-digriet tad-19 ta' Settembru 2012, Levy u Sebbag, C-540/11, mhux ippubblikat, EU:C:2012:581, punti 27 sa 29).

73 Ara l-Artikolu 2(1), 2(2) u 2(5) TFUE. It-terminu "ta' sostenn" jinkludi l-kompetenzi biex jitwettqu azzjonijiet biex isostnu, jikkoordinaw jew jissupplimentaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri li l-Unjoni għandha skont l-Artikolu 2(5) TFUE.

intern, l-agrikoltura u s-sajd, il-protezzjoni tal-konsumatur u t-trasport[74]. Fir-rigward tal-kompetenzi kondiviżi, l-Artikolu 2(2) TFUE jsegwi l-prinċipju ta' prelazzjoni li bih l-"Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sal-punt fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat tagħha". Għall-kuntrarju, ir-regola tal-kompetenza stabbilita fl-Artikolu 4(4) TFUE[75] tippreċiża li l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom. Hija "mqassma bħala dak li jista' jissejjaħ 'qasam mhux prinċipali ta' kompetenza kondiviża'[76], 'kompetenza mhux preventiva'[77] jew 'kompetenza parallela kondiviża'"[78]. Fil-qosor, l-Artikolu 4(4) TFUE għandu l-partikolarità li jippermetti kemm lill-Unjoni u kemm lill-Istati Membri jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'mod parallel[79].

79. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(4) TFUE għandu jinqara flimkien mal-Artikoli 208 u 210 TFUE, li huma dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. B'mod partikolari, l-Artikolu 208(1) TFUE jiddikjara li l-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom "jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin". L-Artikolu 210(1) TFUE jipprovdi wkoll li sabiex jippromwovu l-komplimentarjetà u l-*effikaċja* tal-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni konġunta u li l-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna tal-Unjoni.

80. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, bħala dispożizzjonijiet awtonomi, jimponu obbligu fuq l-Unjoni u fuq l-Istati Membri li jsaħħu l-azzjonijiet ta' xulxin fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex dawk l-azzjonijiet isiru *effikaċi*. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(4) TFUE jiddikjara li l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tiġi eżerċitata "mingħajr ma l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza jkun jista' jimpedixxi lill-Istati Membri milli jeżerċitaw tagħhom". Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat huma siekta dwar jekk jeżistix obbligu negattiv simili fir-rigward tal-Istati Membri, li skontu huma għandhom joqogħdu lura milli jfixklu l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Għalhekk, interpretazzjoni tal-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE li tinkorpora r-reċiproċità bejn l-Unjoni u l-Istati Membri teħtieġ, fil-fehma tiegħi, li wieħed jirrikorri għall-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

74 L-Artikolu 4(2) TFUE għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 2(2) TFUE. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 2(1) TFUE, il-kompetenzi esklużivi jipprevjenu lill-Istati Membri milli jaġixxu, u, bl-istess mod, skont l-Artikolu 2(2) TFUE, il-kompetenzi kondiviżi jipprekludu lill-Istati Membri milli jaġixxu, ladarba l-kompetenza tkun ġiet eżerċitata mill-Unjoni.

75 L-Artikolu 4(3) TFUE jinkludi kliem ġeneralment simili fir-rigward tal-kompetenzi fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju.

76 Cardwell, P. J., Jančić, D., "The European Parliament and development cooperation: democratic participation in the 'low politics' of EU external relations", *Journal of European Integration*, 2019, 41:3, p. 365-381, DOI: 10.1080/07036337.2019.1599369.

77 Ara Cremona, M., "Defining Competence in EU External Relations: Lessons from the Treaty Reform Process", f'Dashwood, A. u Maresceau, M. (edituri), *Law and Practice of EU External Relations: Salient Features of a Changing Landscape*, Cambridge, Cambridge University Press, 2008, p. 44.

78 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Ćapeta fil-kawża ÖBB-Infrastruktur Aktiengesellschaft (C-500/20, EU:C:2022:79, nota ta' qiegħ il-paġna 59).

79 Ir-regola ta' prelazzjoni tista' tiġi ddefinita bħala "ladarba l-Unjoni tkun irregolat kwistjoni, l-Istati Membri ma jistgħux jirregolawha weħidhom sakemm ir-regolament tal-Unjoni jibqa' fis-seħħ" (Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Ćapeta f'ÖBB-Infrastruktur Aktiengesellschaft, C-500/20, EU:C:2022:79, punt 73). L-Artikolu 4(4) TFUE jidher li huwa eċċezzjoni għall-Artikoli 2(2) u 4(2) TFUE li stabbilixxew il-kompetenzi kondiviżi u r-regola ta' prelazzjoni, iżda ma jidhirx li jaqa' taħt l-Artikolu 2(5) TFUE, li jistabbilixxi l-kompetenzi tal-Unjoni biex tagħti sostenn, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri.

b) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE

81. Għall-finijiet tal-kawża preżenti, il-kliem tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE jidher li huwa rilevanti ħafna. Dan is-subparagrafu jimponi obbligu fuq l-Istati Membri li "jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha" u "joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f'periklu l-kisba ta' l-objettivi ta' l-Unjoni"[80]. Għalhekk, dan jimponi obbligu pożittiv li l-Istati Membri jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni u projbizzjoni ġenerali fuq l-Istati Membri milli jadottaw kwalunkwe miżura bħal din. Inżid ukoll li dan il-paragrafu jirreferi għall-kompiti u għall-għanijiet tal-Unjoni Ewropea, pjuttost milli għad-dritt tal-Unjoni[81].

82. Fir-rigward tal-kuntest, nirrileva li fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-Artikolu 4(3) TUE għandu jinqara flimkien mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 21 TUE[82]. Huwa preċiżament f'dan il-kuntest li l-Istati Membri huma obbligati, minħabba l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li joqogħdu lura milli jadottaw kwalunkwe miżura li tista' tirrendi t-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni iktar diffiċli jew tipperikola l-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni.

83. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, dan il-prinċipju japplika irrispettivament minn jekk il-kompetenza kkonċernata hijiex esklużiva jew kondiviża[83]. Pereżempju, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja[84], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Renju tal-Isvezja kien kiser l-Artikolu 4(3) TUE bil-proposta unilaterali tiegħu għall-inklużjoni ta' sustanza partikolari fl-anness ta' konvenzjoni internazzjonali f'qasam ta' kompetenza kondiviża. B'dan l-aġir, dan l-Istat Membru "ddistakka ruħu minn strateġija komuni mifthiema fi ħdan il-Kunsill", b'konsegwenzi għall-Unjoni[85]. Fil-fehma tiegħi, din il-ġurisprudenza għandha tkun trasponibbli wkoll għall-qasam tal-kompetenzi "paralleli kondiviżi". Tabilħaqq, il-fatt li l-Unjoni Ewropea eżerċitat is-setgħa tagħha, irrispettivament min-natura tagħha, ifisser li l-Istati Membri għandhom josservaw l-għanijiet li l-Unjoni qiegħda tipprova tilħaq fil-qasam inkwistjoni.

84. Għalhekk, mill-Artikoli 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, jirriżulta li l-Istati Membri għandhom obbligu li jiffaċilitaw il-kisba tal-kompiti tal-Unjoni u li ma jipperikolawx il-kisba tal-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u senjatament li jiggarantixxu l-effiċjenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni f'dan il-qasam[86].

80 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756, punt 148).

81 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-600/14, EU:C:2017:935, punt 105). Ara, b'mod iktar ġenerali, Klamert, M., "Article 4", f'Kellerbauer, M., Klamert, M., u Tomkin, J. (edituri), *The EU Treaties and the Charter of Fundamental Rights. A Commentary*, Oxford University Press, Oxford, 2019, punt 26 *et seq*., u Guastaferro, B., "Sincere Cooperation and Respect for National Identities" f'Schütze, R., u Tridimas, T., *Oxford Principles of European Union Law: The European Union Legal Order*, Vol. 1, Oxford University Press, 2018, p. 354 – 383, and Roes, T., Limits to Loyalty: the Relevance of Article 4(3) TEU, Cahiers de Droit Européen, Issue 1, 2016, p. 253-284.

82 Sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Ftehim mal-Armenja), C-180/20, EU:C:2021:658, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata.

83 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-266/03, EU:C:2005:341, punt 58), u tal-14 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-433/03, EU:C:2005:462, punt 64).

84 Ara s-sentenza tal-20 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-246/07, EU:C:2010:203).

85 Ara s-sentenza tal-20 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-246/07, EU:C:2010:203, punt 91). Għandu jiġi kkonstatat ukoll li f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja applikat l-Artikolu 4(3) TUE *b'mod awtonomu*, bħala dispożizzjoni waħedha, peress li l-obbligu ta' kooperazzjoni joħroġ mir-rekwiżit tal-unità fir-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Unjoni.

86 Ara l-punti 79 u 80 iktar 'il fuq.

c) Applikazzjoni għall-kawża preżenti

85. Fil-kawża preżenti, għandu jiġi osservat li hemm żewġ settijiet ta' kompetenzi differenti li ġew eżerċitati. L-ewwel, l-Unjoni eżerċitat il-"kompetenza parallela kondiviża" tagħha fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp skont l-Artikolu 4(4), u l-Artikoli 208 u 210 TFUE.

86. B'mod partikolari, esternament, flimkien mal-Istati Membri, hija kkonkludiet il-Konvenzjoni ta' Lomé IV u l-Ftehim ta' Cotonou, li ġew approvati permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill [87]. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Istati Membri u l-Unjoni huma "responsabbli *in solidum*" għall-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Lomé IV [88]. Internament, l-obbligi li jirriżultaw minn dawk il-ftehimiet ġew implimentati mill-Unjoni permezz tar-Regolament Finanzjarju 91/491/KEE, applikabbli għas-seba' FEŻ, u r-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003, applikabbli għad-disa' FEŻ. Kif diġà ġie spjegat, il-Kummissjoni hija responsabbli, taħt il-ftehimiet u l-konvenzjonijiet li jistabbilixxu d-diversi FEŻ u bir-regolamenti finanzjarji korrispondenti, għall-ġestjoni tas-seba' u tad-disa' FEŻ [89]. Minn dan il-qafas isegwi li, f'dan il-każ, l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza "parallela kondiviża" tagħha esternament billi kkonkludiet il-ftehimiet imħallta msemmija iktar 'il fuq u internament billi adottat ir-regolamenti finanzjarji inkwistjoni.

87. It-tieni, permezz tar-regola fiskali inkwistjoni, il-Ġermanja adottat miżura fiskali fil-qasam tat-taxxa diretta, li, kif inhi l-liġi bħalissa, ma hijiex kompitu tal-Unjoni [90], iżda taqa' taħt is-setgħat miżmuma tal-Istati Membri. Bl-istess mod, fl-adozzjoni tar-regola fiskali, il-Ġermanja kienet qiegħda teżerċita wkoll il-kompetenza tagħha fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, peress li l-għan ta' din ir-regola huwa l-għajnuna għall-iżvilupp.

88. Filwaqt li huwa minnu li l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq [91] ma tagħti ebda indikazzjoni dwar jekk u, jekk iva, kif il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE japplika fir-rigward tal-kompetenzi "paralleli kondiviżi" stabbiliti fl-Artikoli 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, jiena tal-fehma li dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jinstabu billi jsir riferiment għall-hekk imsejħa duttrina tat-"tfassil ta' setgħat" [92]. Skont din id-duttrina, l-Istati Membri huma taħt obbligu ġenerali li jeżerċitaw is-setgħat miżmuma minnhom filwaqt li debitament josservaw id-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, anki jekk, fl-istat attwali tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, it-taxxa diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn għandhom madankollu jeżerċitaw din il-kompetenza f'konformità mad-dritt tal-Unjoni [93] u, barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, b'mod konsistenti mal-kompiti u mal-għanijiet tal-Unjoni. L-istess prinċipju japplika meta Stat Membru jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Għalhekk, azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri f'oqsma li ma kinux suġġetti għal

87 Fir-rigward tal-Ftehim ta' Cotonou, jidher, fid-dawl tal-Artikoli 2, 3 u 12 ta' dan il-ftehim, li, sabiex jiġi implimentat, il-partijiet f'dan il-ftehim għandhom jikkoordinaw il-politiki tagħhom, jiġifieri l-miżuri pożittivi meħuda favur l-Istati kkonċernati, iżda mhux il-mezzi ta' dawn il-politiki. Obbligi simili jirriżultaw mill-Artikoli 2 u 9 tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV.

88 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha bħala sħab tal-Istati AKP huma responsabbli *in solidum* lejn dawn tal-aħħar għat-twettiq ta' kull obbligu li jirriżulta mill-impenji meħuda, inklużi dawk relatati mal-għajnuna finanzjarja (sentenza tat-2 ta' Marzu 1994, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-316/91, EU:C:1994:76, punt 29). Din il-ġurisprudenza għandha tkun applikabbli, *mutatis mutandis*, għall-Ftehim ta' Cotonou.

89 Ara l-punt 45 iktar 'il fuq.

90 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 43), u tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, (C-179/14, EU:C:2016:108, punt 171 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Ara l-punt 83 iktar 'il fuq.

92 Din id-duttrina ġiet applikata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawżi, pereżempju, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, tal-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi, tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, u tat-taxxa diretta. Ara, b'mod iktar ġenerali, Azoulai, L., "The 'Retained Powers' Formula in the Case Law of the European Court of Justice: EU Law as Total Law?" *European Journal of Legal Studies*, (2011) 4, p. 192.

93 Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-269/09, EU:C:2012:439, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

(jew ma jistgħux ikunu suġġetti għal) armonizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, bħat-taxxa diretta u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

89. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jirriżulta mill-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, li anki meta l-Istati Membri jkunu qegħdin jeżerċitaw il-kompetenzi miżmuma tagħhom fl-oqsma tat-taxxa diretta u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, huma obbligati jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni u li ma jipperikolawx il-kisba tal-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

2. L-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE

90. Preliminarjament, għandi nenfasizza li, meta l-Istati Membri jaqblu li joħolqu fond komuni, bħall-FEŻ, għandhom joħolqu regoli fir-rigward tat-taxxa fuq id-dħul tal-finanzjament fil-qafas li jikkonċerna dan il-fond. Madankollu, fl-assenza ta' regoli bħal dawn, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina din il-kawża fid-dawl tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt primarju. Il-kwistjoni li tqum hija x'jikkostitwixxi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

91. Peress li l-Istati Membri huma obbligati jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-Unjoni u ma jipperikolawx il-kisba tal-għanijiet li l-Unjoni ssegwi fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, isegwi, fil-fehma tiegħi, li ma għandhomx jimponu miżuri li jnaqqsu l-effiċjenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni f'dak il-qasam. Barra minn hekk, huwa d-dmir tal-Istati Membri li joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa biex jintlaħaq dak il-kompitu jew għan. Għalhekk, kwalunkwe miżura fiskali li tista' tnaqqas il-finanzjament li jfittex li jiffinanzja proġett ta' għajnuna għall-iżvilupp fl-Istat AKP destinatarju ma tiffaċilitax it-twettiq tal-kompitu tal-Unjoni u tagħmilha iktar diffiċli biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti mill-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Tabilħaqq, it-tassazzjoni mill-Istati Membri tal-finanzjament mogħti mill-FEŻ tnaqqas l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li r-riċevituri tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni fl-Istati AKP jirċievu u toħloq *ostakoli finanzjarji* għal dawn il-proġetti[94]. Għalhekk, din il-miżura fiskali tikkostitwixxi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

92. B'mod partikolari, kif iddikjarat RF[95], għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(d) TUE u fil-Ftehim ta' Cotonou, jiġifieri dawk relatati ma li "jitneħħa l-faqar bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli u integrazzjoni bil-mod tal-pajjiżi ta' l-AKP fl-ekonomija dinjija". Bit-twaqqif tal-FEŻ u tal-MPP sabiex jippromwovu firxa wiesgħa ta' proġetti fl-Istati AKP[96], l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri implimentaw mezzi speċifiċi ħafna biex jintlaħqu dawn l-għanijiet wesgħin[97]. Fi kliem ieħor, il-finanzjament mogħti mill-FEŻ sabiex

94 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza fil-kawża Bruce of Donington (C-208/80, EU:C:1981:194, punti 14 sa 20).

95 Ara l-punt 44 tal-osservazzjonijiet tagħha.

96 Tabilħaqq, l-MPP jistgħu jinvolvu firxa wiesgħa ta' proġetti, "mill-blokki tal-iskejjel, ċentri tas-saħħa, proġetti tal-ilma u tas-sanità, impjanti tal-ipproċessar taż-żejt u tal-qalba tal-palm, tilari tas-suq, culverts fost oħrajn, il-proċessi kienu ddisinjati b'konformità biex joħolqu b'mod pożittiv soċjetà ugwali; b'impatt simili kemm fuq il-foqra kif ukoll fuq il-gruppi minoritarji fis-soċjetà" (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 47 iktar 'il fuq).

97 Pereżempju, fir-rigward tal-komunitajiet rurali tal-istati li jipproduċu ż-żejt tan-Niġerja (id-Delta tan-Niġer), intqal li l-interventi tal-Unjoni "juru b'mod ċar" l-impenn tagħha lejn "l-ispinta globali għall-qerda tal-faqar". Bejn l-1999 u l-2012, in-nefqa għat-tliet MPP għad-disa' stati tar-reġjun kienet iktar minn EUR 210 miljun. Ġie rrappurtat li l-MPP fil-fatt naqqsu l-livell ta' faqar fir-reġjun permezz tal-fornitura ta' iktar minn 20 000 mikroproġett lil iktar minn 4 000 komunità rurali fid-disa' stati li kopriet (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 47 iktar 'il fuq).

jiffinanzja l-attivitajiet imwettqa mill-MPP jikkostitwixxi l-manifestazzjoni konkreta ta' dawn l-għanijiet. F'dan ir-rigward, l-MPP jikkostitwixxu "intervent tal-Unjoni stabbilit min-Nazzjonijiet Magħquda" [traduzzjoni libera], bil-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni kollha [98].

93. Minn dan isegwi li meta l-FEŻ jagħti flus lil MPP, l-għan tiegħu huwa li jiffinanzja l-programm inkwistjoni u li jsostni l-popolazzjoni lokali li tibbenefika minn dan il-proġett. Għall-kuntrarju, l-għan tiegħu ma huwiex li jiffinanzja l-baġit ta' wieħed mill-Istati Membri [99]. Għalhekk, minkejja l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema jew għal servizzi simili oħra pprovduti mill-Istati Membri, dawn l-istati ma għandhomx, bħala prinċipju, jintaxxaw il-proġetti u d-dħul personali fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati mill-FEŻ. It-tassazzjoni ta' tali proġetti diretta lejn l-Istati AKP għandha l-effett li tnaqqas l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li jirċievu r-riċevituri tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni f'dawn l-Istati u tikkostitwixxi, *fiha nnifisha*, ksur tal-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE.

94. Barra minn hekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma huwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li kien hemm differenza fit-trattament fiskali ta' proġetti ffinanzjati minn riżorsi nazzjonali u dawk iffinanzjati mill-FEŻ. Għalhekk, kuntrarjament għal restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital, ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat jista' jseħħ anki fl-assenza ta' differenza fit-trattament fiskali ta' dawn iż-żewġ tipi ta' proġetti. Peress li kwalunkwe miżura fiskali nazzjonali li ma tiffaċilitax it-twettiq tal-kompitu tal-Unjoni Ewropea jew tagħmel iktar diffiċli li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikser il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, il-kwistjoni dwar jekk ir-regola fiskali inkwistjoni tpoġġix il-proġetti ffinanzjati mill-FEŻ u l-impjegati li jaħdmu fuq dan il-proġett fi żvantaġġ hija irrilevanti għall-finijiet li jiġi stabbilit ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Għall-kuntrarju, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa biżżejjed li tiġi stabbilita diffikultà fit-twettiq tal-kompitu jew tal-għan tal-Unjoni b'mod effiċjenti.

3. Effett dirett

95. L-effett dirett huwa l-kapaċità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni li tiġi ġustizzjabbli fuq livell nazzjonali, direttament quddiem l-Imħallef nazzjonali, mingħajr ma jkun neċessarju li jintużaw "intermedjarji" oħra tad-dritt nazzjonali [100]. Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni primarja, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju ta' effett dirett fis-sentenza Van Gend & Loos [101], bil-kundizzjoni, madankollu, li l-obbligi għandhom ikunu ċari, preċiżi u inkundizzjonati biżżejjed biex jagħtu lil individwi dritt li jista' jiġi invokat bħala tali quddiem qorti nazzjonali [102]. Fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, ifformulati fil-qosor, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jinkludu tali obbligi. L-istess jgħodd għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Lomé IV u tal-Ftehim ta' Cotonou, li ġew diskussi mill-partijiet waqt is-seduta [103].

98 *Ibid.*

99 Għandu jiġi nnutat f'dan ir-rigward li l-proġetti ta' għajnuna barranija tal-inqas 75 % ffinanzjati minn riżorsi bażitarji nazzjonali huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul. Dan juri li, teknikament, ma hemm l-ebda ostakolu għall-eżenzjoni ta' dak id-dħul.

100 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Effett dirett) (C-205/20, EU:C:2021:759, punt 32).

101 Sentenza tal-5 ta' Frar 1963 (26/62, EU:C:1963:1).

102 Ara s-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 58 u 61).

103 Sar riferiment senjatament għall-Artikoli 2, 3 u 9 tal-Ftehim ta' Cotonou.

96. Madankollu, fil-kawża preżenti, l-att li għandu effett dirett huwa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew id-deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzanti li permezz tagħha l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti kuntratt pubbliku jew għotja li tippermetti l-finanzjament lill-kumpannija inkwistjoni. Bħala prinċipju, għandu jkun hemm għoti ta' kuntratt jew deċiżjoni ta' għoti jew kuntratt bejn il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-FEŻ, u l-kumpannija inkwistjoni, li jispeċifikaw l-obbligi ta' kull parti. Sfortunatament, dan l-att ma jirriżultax mill-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji inkwistjoni jirriżulta li l-Kummissjoni taġixxi bħala awtorità, li tista' tadotta deċiżjonijiet legalment vinkolanti ma' terzi [104]. Fil-kawża preżenti, din id-deċiżjoni tista' tiġi invokata mill-kumpannija inkwistjoni u, għalhekk, minn RF. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi l-eżistenza u l-kontenut ta' din id-deċiżjoni individwali.

4. Konklużjoni provviżorja

97. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li r-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti għad-domanda preliminari hija li l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' regola fiskali ta' Stat Membru li ċċaħħad impjegat mill-benefiċċju ta' eżenzjoni fiskali għar-raġuni li dak l-impjegat huwa assenjat għal attivitajiet ta' għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjati mill-FEŻ, peress li tali tassazzjoni tal-finanzjament mogħti mill-FEŻ mill-Istati Membri għandha l-effett li tnaqqas l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li jirċievu r-riċevituri tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni fil-pajjiżi terzi u toħloq ostakoli finanzjarji għal dawn il-proġetti.

IV. Konklużjoni

98. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja):

(1) L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' regola fiskali ta' Stat Membru li tipprevedi eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul għas-salarju li jirċievi impjegat assenjat għal attivitajiet ta' għajnuna għall-iżvilupp biss meta tali attività tkun tal-inqas 75 % iffinanzjata mir-riżorsi baġitarji Ġermaniżi (jew il-Ministeru Federali Responsabbli għall-Għajnuna għall-Iżvilupp jew il-Gesellschaft für internationale Zusammenarbeit), iżda li jkollha l-effett li ċċaħħad impjegat mill-benefiċċju ta' tali eżenzjoni meta dan jiġi assenjat għal attività ta' dik in-natura ffinanzjata bl-istess mod minn wieħed mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ).

(2) Alternattivament:

[104] Ara s-setgħat u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-uffiċjal awtorizzanti stabbiliti fl-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament Finanzjarju 91/491, applikabbli għas-seba' FEŻ, u l-Artikoli 50 sa 53 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' FEŻ. Barra minn hekk, għandi nfakkar li kuntratti konklużi minn impriżi u mill-Kummissjoni li huma ffinanzjati mill-FEŻ kienu rregolati mill-kundizzjonijiet ġenerali għall-kuntratti ta' servizzi ffinanzjati mill-FEŻ, stabbiliti fl-Anness IV tad-Deċiżjoni Nru 3/90 tal-AKP-KEE tal-Kunsill tal-Ministri tad-29 ta' Marzu 1990 li jadotta r-regoli ġenerali u l-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti ta' xogħlijiet, forniturи u servizzi ffinanzjati mill-FEŻ, kif ukoll ir-regoli li jirregolaw il-proċedura, il-konċiljazzjoni u l-arbitraġġ fir-rigward ta' dawn il-kuntratti, u dwar l-applikazzjoni tagħhom (ĠU 1990, L 382, p. 1).

L-Artikolu 4(4), l-Artikolu 208(1) u l-Artikolu 210(1) TFUE, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' regola fiskali ta' Stat Membru li ċċaħħad impjegat mill-benefiċċju ta' eżenzjoni fiskali għar-raġuni li dak l-impjegat huwa assenjat għal attivitajiet ta' għajnuna għall-iżvilupp iffinanzjati mill-FEŻ, peress li tali tassazzjoni tal-finanzjament mogħti mill-FEŻ mill-Istati Membri għandha l-effett li tnaqqas l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li jirċievu r-riċevituri tal-proġetti ta' għajnuna inkwistjoni fil-pajjiżi terzi u toħloq ostakoli finanzjarji għal dawn il-proġetti.